# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 9

29 ta' Jannar, 2020

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.45 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

## Aġenda Nru. 9

9.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;
9.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 8 – 9;
9.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
9.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
9.5 Komunikazzjoni;
9.6 Ħatra ta’ Deputat Segretarju Eżekuttiv;
9.7 Attivitajiet tal-Għid – Il-Kundanna;
9.8 Jum Sannat – Premju Ġieħ Sannat – Rikonoxximent taż-Żgħażugħ/a tas-sena 2020;
9.9 Ħarġa Kulturali;
9.10 Attivita’ – Gospel Choir;
9.11 Ilmenti u Suġġerimenti;
9.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti 1/2020;
9.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 9 .1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

9.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 9.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 8 - 9

9.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa Nru. 8 – 9 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 9.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

9.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rigward it-tiġrija tradizzjonali taż-żwiemel fejn tista tgħid li ġiet diskussa dejjem f'dawn il-laqgħat preċedenti tal-Kunsill, kif jaf il-Kunsill kien talab għall-laqgħa mall-Kummissarju tal-Pulizija u li għal din kien ingħata appuntament għall-laqgħa nhar it-Tnejn 13 ta' Jannar 2020, fin-12.30 p.m., iżda is-Sindku ma setgħax jattendi dakinhar peress li kien jinsab indispost għaliex kien imsiefer. Il-Kunsill għadu jikkomunika biex tingħata data oħra. Is-Sindku qal li hu mportanti li ssir laqgħa mall-Onor Byron Camilleri Ministru għal-Intern, is-Sigurta Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi dwar dan il-każ. Il-Kunsill qabel ukoll ma dan.

9.3.2 Is-Sindku qal li dwar Triq Sannat il-Kuntrattur ħeles il-bankina tan-naħa tal-Kunsill li minn taħta għadda il-water storm culvert u s-service culvert. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu għamel kuntatt kemm il-darba mall-Kuntrattur biex ikompli bix-xogħolijiet f'din it-triq. Dwar ir-rampi tal-entraturi tal-iskola dawn għadhom ma sarux. Hu qal li l-Kap tal-iskola tkellmet mall-Kunsill dwar l-entratura għas-sala biex tiġi b'rampa biex b'hekk tkun aċċessibli, dwar dan għandna nitkellmu mall-Perit. Hu qal li l-bieraħ il-Kuntrattur beda bit-tkissier u t-tħammill tal-bankina tan-naħa l-oħra dawk ta quddiem ir-residenti. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li qal lill-Kuntrattur li fuq in-naħa l-oħra tat-triq in-naħa fejn hemm id-djar tar-residenti ma jridx idum biex ma jinħoloqx inkonvenjent lil dawn. Issa kif ġej ix-xogħol meta ssir l-ħsara fis-servizzi, t-tiswija ssir mill-bankina u mhux mit-triq. Il-W.S.C. qed jgħaddu l-kanni tal-ilma tal-4" u mhux tat-3". Rigward il-junction saret korrezzjoni u ntbgħatet lill-Transport Malta. Is-Sindku qal li tkellem mall-Kuntrattur u qalu biex din it-triq tkun lesta sa April 2020. Il-Perit ġie avżat bil-proġett li l-Kunsill għandu fil-playing field dak ta' ġibja kbira taħt dan il-playing field biex tinħaseb kanna mill-istorm water culvert. B'hekk meta jkun hemm l-opportun ta fondi l-Kunsill ikun jista japplika. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jqabbad persuna teknika fis-siġar biex jara x'hemm protett jew le. Il-Viċi Sindku qalet li Triq it-Tabib Anton Tabone ilha li saret mill-1953. Il-Kunsillier Tewma ssuġġerixxa biex fi Triq it-Tabib Anton Tabone fejn hemm is-siġar taż-żebbuġ nieqsa jitħawwlu oħrajn minflokhom. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsillier li din t-triq ma taqax fil-konfini tagħna. Is-Sindku qal li dwar is-siġar semmiha kemm il-darba fil-laqgħat tar-Reġjun.

9.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar it-Tnejn 23 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill ġie mitlub mill-Ministeru għal Għawdex biex jiġi ffirmat kuntratt dwar ir-reġenerazzjoni tal-Pjazza Santa

Margerita minn fejn il-Kunsill ingħata 30% ta' dan il-kuntratt biex b'hekk ikun jista jibda jitħallas il-Perit li wettaq u pprepara x-xogħol fuq dan il-proġett. L-ammont li ġie mogħoti huwa ta' €27612.00ċ. Is-Sindku qal li wara li l-Ministru għal Għawdex inbidel saret laqgħa oħra mall-Ministru l-ġdid fejn ġie diskuss dan il-proġett. Il-Ministru għandu jara dan il-Kuntratt.

9.3.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-proġett tad-Dogs Park u l-Horse Pool ġie avviċinat il-Perit Roderick Spiteri biex flimkien jiġi diskuss dan il-proġett. Hu qal li meta jkunu lesti d-drawings se tintalab li ssir laqgħa ta' konsultazzjoni ma dawk li ikkonċernta f'dan il-proġett.

9.3.5 Is-Sindku fakkar li kif kien qal fil-laqgħa preċedenti l-Kunsill kien iddiskuta ma' tlett Kunsilli oħra dwar is-sejħa għall-offerta ta' Contracts Manager sabiex din is-sejħa toħroġ waħda konġunta mall-Kunsilli Lokali tax-Xagħra, ix-Xewkija u l-Qala. Il-Kunsill għadu qed jistenna risposta mingħand il-Kunsill tal-Qala.

9.3.6 Is-Sindku qal li l-Kuntrattur tal-bini tal-ħitan tas-sejjieħ minn Miżura 4.4 b'fondi ewropej għaddej b'ritmu tajjeb fuq il-ħitan fi Triq Mġarr ix-Xini biex malli jlesti it-tul stipulat fl-offerta jkunu jistgħu jibdew Triq Bardan. Il-Kunsill għandu japplika għal pre-financing. Il-Kunsillier Bajada fakkar lill-Kunsill dwar l-istat ħażin fil-bidu tat-Triq Mġarr ix-Xini. Il-Kunsill għandu jerġa jinforma lill-Ministeru għal Għawdex dwar dan.

9.3.7 Is-Sindku ssuġġerrixxa lill-Kunsill li dwar it-traffic management f'Ta' Sannat, l-ewwel għandha ssir laqgħa mall-Perit dwar il-proposti li jaf biħom il-Kunsill, biex wara ssir il-laqgħa mar-residenti dwar dan it-Traffic Management il-ġdid. Dan wara li l-Kunsill ha l-pariri tiegħu mingħand Transport Malta biex l-ewwel issir laqgħa mar-residenti qabel ma il-Kunsill jikteb x'jixtiequ r-residenti. Waqt il-laqgħa mar-residenti għandhom jiġu mistiedna uffiċjal minn Transport Malta u l-Pulizija għal buon ordni.

9.3.8 Is-Sindku qal li l-Perit lesta l-istimi ta' Triq Dun Lazzru Camilleri biex meta jkun il-waqt jingħataw wiċċ ġdid bit-tarmak u fiha jiġi nkluż service culvert biex b'hekk jiġu eliminati l-kruħ ta' wires imdendlin f'din it-triq. L-istima ġiet tiswa madwar €100,000. B'hekk il-Kunsill ghandu preparat din l-istima biex fl-eventwalita' ta' fondi l-Kunsill ikun jista japplika mill-ewwel għalihom.

9.3.9 Is-Sindku ssuġġerixxa biex fil-Kunsill jsir kors importanti dwar fire and safety lill kull min hu nteressat speċjalment ir-residenti. Il-Kunsill qabel ma dan u għalhekk għandu jsir kuntatt mac-Civil Protection – Għawdex.

## 9.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

9.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

## 9.5 Komunikazzjoni

9.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li wara ħsara li żviluppat fil-pc tiegħu kif kien semmha fil-laqgħa preċedenti ġie kkunsidrat li jsir upgrade għal sistema aktar moderna u effiċjenti. Ġiet innotata d-differenza kbira fl-operat u għalhekk qed jissuġġerixxi li jsiru upgrades simili fuq il-pc's l-oħrajn tal-uffiċċju biex is-servizz mill-uffiċċju tal-Kunsill ikun aktar effiċċjenti. Inġabru tlett kwotazzjonijiet għall-laptop li hemm bżonn għal operat waqt il-laqgħat tal-Kunsill permezz tal-live stream u l-video on demand. Il-Kunsill qabel ma dan li ntqal mis-Segretarju Eżekuttiv u qabel ukoll biex jinxtara laptop bl-aktar offerta vantaġjuża.

9.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li nhar it-Tnejn 20 ta' Jannar 2020 inqalgħet il-gallerija tal-injam biex tinħadem oħra minflokha kif kien maqbul mill-Kunsill. Dan sar biex jittieħed il-qies tagħha sew, nevitaw il-periklu li kien jista jinqala u nevitaw ukoll l-ilma li kien qed jidħol minnha.

9.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill biex fil-multi purpose office fis-sular ta' fuq jsir kitchenett u cupboard żgħir fil-kuritur wara l-uffiċċju amministrattiv hawn isfel. Il-Kunsill qabel ma dan.

9.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li nhar il-Ħamis 16 ta' Jannar 2020 ġew installati l-airconditions ġodda fil-Board Room u dak tal-uffiċċju amministrattiv peress li dan ma kienx jaħdem. Id-deprestiation ta dan huwa 0. Għal dan ġie maqbul li l-qadim għandu jintrema.

9.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill irċieva imejl mingħand is-Senior Curator ta' Heritage Malta f'Għawdex li bejn l-24 ta' April u l-24 ta' Mejju 2020 fil-Banca Giuratale ser tittella' wirja temporanja ntitolata Medievial Archaelogy of Gozo. Hi qalet li bħalissa għaddejja riċerka ġdida fuq dan is-suġġett u jixtiequ li ż-żewġ ġebliet mnaqqxa li kienu nstabu f'Tal-Gruwa u li jinsabu għal wiri fil-Kunsill Lokali jiffurmaw parti minn din il-Wirja. Il-Kunsill qabel ma dan bil-kundizzjoni li għandu jgħamel kundizzjonijiet speċifiċi għal dan is-self.

9.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li d-Dipartiment għall-Ġvern Lokali bgħat jinfurmana bl-ammont tal-allokazzjoni li għandu għal din is-sena li hu ta' €256,646 b'żieda ta' €10860.00 mis-sena l-oħra. Il-Kunsill talab li ssir laqgħa mad-Direttur - Moniteraġġ u Support fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

9.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qal lill-Kunsill li rċieva imjel mingħand Wasteserv fejn infurmat li s-servizz tal-Kerbside li jkun kull tieni Erbgħa ta' kull xahar fi Triq Marziena mhux qed jintlaħaq tajjeb u qed jitolbu li tinbidel is-site. Is-Sindku qal li dan irid jindara mir-residenti u biex isiru jafu bih bħal ma llum jafu li kull nhar ta' Sibt ikun hemm fl-istess post l-iskip on wheel. Għalhekk għandu jintbgħat avviż dwar dan lir-residenti kollha.

9.5.8 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li mid-Direttorat ta' EcoGozo fi ħdan MGOZ irċievejna biex il-Kunsill jekk hux nteressat fi Proġett ta' Cat Cafe. Il-Kunsill qabel li mhux interessat.

9.5.9 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsill li rċieva mill-Awtorita tal-Ippjanar dwar applikazzjoni ta' żvillup ġdid fi Triq il-Pinnur. Il-Kunsill qal li ma jsibx oġġezzjoni.

9.5.10 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsill li rċieva mid-Direttorat Rurali fi ħdan il-MGOZ li għandu siġar indiġeni b'xejn.

9.5.11 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet u Direttivi mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:

Ċirkulari Numru 23/2019 Allokazzjoni Finanzjarja għal 2020

Ċirkulari Numru 01/2020 Għeluq tas-Sena Finanzjarja 2019

Ċirkulari Numru 02/2020 Aċċess għad-Direttivi, Ċirkularijiet, Memos u Noti

Direttiva 08/2019 Servizz ta' knis fil-Lokalitajiet
Direttiva 01/2020 Applowdjar tad-dokumenti statutorji fuq il-Websajt

9.5.11 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:

Ċir AKL 2020/001 – Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2020. Il-Kunsill qabel li jħallas dan.
Ċir AKL 2020/002 – Parteċipazzjoni tal-Kunsilli Lokali fl-Earth Hour 2020
Ċir AKL 2020/003 – Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus għar-Reġjuni u Kunsilli Lokali. Il-Kunsill qabel li jħallas dan.
Ċir AKL 2020/004 – L-użu tal-lingwa Maltija
Ċir AKL 2020/005 – Personal Accident Policy. Il-Kunsill qabel li jħallas dan.

## 9.6 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv

9.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-liġi tal-Kunsilli Lokali titlob li kull Kunsill Lokali għandu jkollu Deputat Segretarju Eżekuttiv biex meta s-Segretarju Eżekuttiv ma jkunx jista jaġixxi jkun hemm id-Deputat. Dan l-aħħar il-Kunsill Lokali kellu Deputat Segretarju Eżekuttiv lis-Sinjura Marion Attard, Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali ix-Xewkija. Il-Kunsill qabel li jerġa jaħtar lilha bħala d-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Għalhekk il-Kunsill Lokali għandu jinforma b'dan lid-Dipartiment.

## 9.7 Attivitajiet tal-Għid – Il-Kundanna

9.7.1 Is-Sindku qal lill-Kunsill li għal żmien l-Għid ta' din is-sena bħal ma semma fil-laqgħa preċedenti se jittella d-dramm bl-isem il-Kundanna. Il-Kunsill ser jibgħat it-talba għal l-għajnuna mill-Ministeru għal Għawdex bid-dettalji ta' dan id-dramm. Dan id-dramm se jitella' nhar is-Sibt 4 ta' April 2020 fi Triq tal-Gruwa, fit-8.00 p.m. Dwar d-data din għadha mhux konfermata peress li l-Kunsill għandu jara jekk hemmx xi avvenimenti oħra f'din il-ġurnata.

9.7.2 *Il-Viċi Sindku talbet li tiġi skużata peress li ma setgħetx toqgħod aktar għall-laqgħa dan għaliex kellha funeral familjari.*

## 9.8 Jum Sannat – Premju Ġieħ Sannat – Rikonoxximent taż-Żgħażugħ/a tas-sena 2020

9.8.1 Is-Sindku qal li għal Jum Sannat l-Kunsill bħas-snin l-imgħoddija għandu jgħamel it-talba tiegħu lis-Soċjeta' Mużikali Santa Margerita biex itellgħu programm mużikali għal dan l-avveniment. Is-Sindku qal li bħala data l-Kunsill għandu jara waħda meta din l-attivita' tista ssir peress li din is-sena se jaħbat it-Tlieta u għalhekk il-Kunsill qabel li din issir is-Sibt 25 ta' April 2020. Is-Sindku qal li bħal-aħħar sentejn se jniedi Rikonoxximent liż-Żagħżugħ/a tas-Sena biex isir inċentiv liż-żgħażagħ biex jgħinu, jinpenjaw u jipparteċipaw fl-għaqdiet kostitwiti li hawn fil-lokalita' fl-oqsma kollha fosthom dawk soċjali, sportivi, kulturali, eċċ. Wara diskussjoni fuq dak li kien ġara s-sena l-oħra l-Kunsill ħass li hemm bżonn u qabel li għandu jgħati żewġ rikonoxximenti mhux bl-eta' f'dak tal-aspett kulturali/sportiv u dak volontarju, bl-isem Rikonoxximent Kulturali/Sportiv u Rikonoxximent Volontarjat biex b'hekk il-Kunsill jinċentiva aktar tfal u żgħażagħ biex jissieħbu fl-NGO's tal-lokalita. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-avviż għal Premju Ġieh Sannat u r-Rikonoxximenti bid-dettalji tal-applikazzjoni ser jitqassmu f'kull dar bħas-sena

l-oħra. Il-Kunsill qabel ukoll li l-bord tal-għażla għal dan il-premju u r-rikonoxximent din is-sena ser ikun kompost mill-membri tal-Kunsill stess biex jevalwaw l-aħjar applikazzjoni għal dawn il-premjiet prestiġġjużi f'din il-lokalita'. Il-Kunsill għandu jitlob l-għajnuna tal-Kap tal-iskola primarja għall-użu tas-sala tal-iskola. Għandhom jiġu ordnati compere, usher u sound system. Bħas-snin l-imgħoddija wara din is-serata jsir riċeviment żgħir. Il-Kunsill qabel ma dan.

9.8.2 Il-Kunsillier Bajada ssuġġerixxa li t-treat lill-Kumitati tal-NGO's tal-lokalita' li ssir bejn il-Milied u l-Ewwel tas-Sena għandha ssir fis-sala ta' xi każin sena f'dak tal-futbol u sena oħra f'dak tal-banda. Dwar dan kien hemm qbil.

9.8.3 Is-Sindku qal li fl-okkażżjoni ta' Jum Sannat għandha tiġi organizzata ħarġa kulturali f' Malta. Il-Kunsill għandu jfassal programm għal din l-attivita'. Għandha tiġi organizzata logħba futbol fil-grawnd Ta' Sannat bejn dawk il-pleyers veterani. B'kollaborazzjoni mall-iskola primarja Ta' Sannat ser issir Field Day għat-tfal kollha li jattendu f'din l-iskola. Dwar dan kien hemm qbil mill-Kunsill.

## 9.9 Ħarġa Kulturali

9.9.1 Is-Sindku qal li fuq talba tar-residenti qed jitlob li l-Kunsill jorganizza ħarġa kulturali nhar l-Erbgħa 12 ta' Frar 2020. Tluq minn Ta' Sannat fit-8.30 a.m. Quddiesa fil-Bażilika tan-Nadur, Monti tan-Nadur u ikel f'nofsinhar.

## 9.10 Attivita' – Gospel Choir

9.10.1 Is-Sindku qal li ġie avviċinat mis-Sur Joseph Buttigieg fejn issuġġerixxa biex f'Ġunju li ġej isir Gospel Choir fi Pjazza Santa Margerita. Il-Kunsill għandu jara x'tinvolvi din l-attivita'.

## 9.11 Ilmenti u Suġġerimenti

9.11.1 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward potholes li jridu l-patching fi Triq Mġarr ix-Xini.

9.11.2 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand residenta fejn talbet li jsiru bins kbar pubbliċi jew xi servizzi li wieħed ikun jista' jagħmel użu minnhom fil-ġranet meta ma jkunx hemm ġbir ta' skart minn wara l-bieb tad-dar.

9.10.3 Il-Kunsill irċieva ilment rigward skart goff mormi f' Imġarr ix-Xini. Dawn l-affarijiet ġew miġbura mal-ġabra tal-iskart goff.

9.10.4 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward sellum min fejn jinżlu d-divers, mkisser u tabella slippery nieqsa f'Imġarr ix-Xini. Dan ġie rrappurtat lill-ħaddiema tal-Beaches fi ħdan il-MGOZ biex dan jiġi rranġat.

9.10.5 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward ħajt imwaqqa fi Triq tal-Gruwa. Dan ġie rrapportat bis-sistema tal-Works Requests System fi ħdan il-MGOZ.

9.11.6 Resident li joqgħod fi Triq Ta' Ċenċ talab li jerġgħu isiru d-double yellow lines fejn l-isqaq Dun Anastas fi Triq Ta' Ċenċ. Il-Kunsill qabel li għandha ssir talba lil Transport Malta.

9.11.7 Il-Kunsill irċieva imejl b' ilment rigward tabella li tgħid 'Saguna Cliffs' u meta timxi mad-direzzjoni tagħha ssib gate msakkra. Il-Kunsill għandu jara dwar dan l-ilment.

9.11.8 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand persuna li għandha għalqa fi Triq id-Daħla taċ-Ċnus fejn talbet li jerġa jinbena l-ħajt li kien twaqqa' u inbena mill-Kunsill. Din il-persuna talbet ukoll li nieħdu ħsieb iż-żebbuġ li hemm biex ma jwaqqax il-ħajt dan għaliex suppost qiegħed il-barra mill-ħajt. Il-Kunsill qabel li dwar il-ħajt, dan irid jinbena mis-sid, dwar is-siġar taż-żebbuġ, il-Kunsill qabel li dan jinżabar.

9.11.9 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand resident li talab li ssir bankina mal-binja ġdida fi Triq Ta' Ċenċ. Dan l-ilment intbgħat bis-sistema tal-MGOZ Work Request System.

9.11.10 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand ir-residenti ta' Humanian Court fi Triq Ta' Ċenċ fejn talbu li jsiru double yellow lines 'l isfel mid-drive way tagħhom peress li mhux qed ikun faċli biex wieħed jidhol u joħroġ minn dan id-drive in. Il-Kunsill qabel li ssir talba lill-Transport Malta.

9.11.11 L-Arċipriet reġa kiteb rigward it-talba għaz-zebra crossings li hemm ppjanati li jsiru fil-proġett l-ġdid ta' Pjazza Santa Margerita sabiex dawn isiru ssa. Dan peress li minn Triq Ta' Ċenċ meta wieħed jiġi biex jaqsam minn naħa tal-Kappella tal-Ewkaristija jsibha diffiċli biex jaqsam u b'hekk nevitaw l-periklu. Il-Kunsill qabel li dan għandu jiġi mplimentat meta tiġi riġenerata l-Pjazza peress li jridu jsiru l-pelican lights.

9.11.12 Studenta mis-Sixth Form reġgħet bgħatet imejl dwar it-tibdil fil-ħin tat-transport pubbliku dik tas-7.35 a.m. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill għadu bla risposta. Il-Kunsill reġa fakkar lill-Transport Malta dwar din it-talba.

9.11.13 Resident minn Triq it-Tilliera qal li r-residenza tiegħu li tmiss mall-Ġnien tal-Bidwi qed jilmenta li qed jidħol l-ilma fir-residenza tiegħu u qed jitlob li jsir il-membrain mall-ħajt tad-dar tiegħu li jmiss mall-ħamrija ta dan il-ġnien. Il-Kunsill qabel li għandu jkellem lill-Perit dwar dan l-ilment u jara x'inhu meħtieġ li jsir.

9.11.14 Residenta minn Triq il-Kbira qed titlob li jsir reserved parking bay għal minn għandu l-blue badge. Il-Kunsill għandu jara fejn qed jintalab dan, peress li f'din it-triq diġa teżisti reserved parking bay ta dan it-tip.

9.11.15 Il-Kunsillier Tewma qal li għandhu lment mingħand resident li fi Triq Gerxija hemm wisq double yellow lines u ma għadx fadal spazju għal parkeġġ. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni lill-Kunsill li wieħed għandu joqgħod attent meta jintalbu dawn is-sinjali fit-toroq peress li t-toroq huma dawk li huma biex b'hekk ma jkunx ta nkovenjent għal oħrajn.

9.11.16 Residenta minn Triq l-20 ta' Lulju qed tilmenta li mill-bankina qed jidħol l-ilma tax-xita fis-semi-basement tagħha. Il-Kunsill għandu jara dan bil-Perit tal-Kunsill.

9.11.17 Il-Kuntrattur tal-knis qed jiġbed l-attenzjoni li l-bins ta' Triq 28 ta' April 1688, qed jispiċċaw bl-elementi naturali u li hemm il-bżonn li dawn jinbidlu.

## 9.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 1/2020

9.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 1/2020 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 9.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-aħħar laqgħa

9.13.1 Il-laqgħa ntemmet fl-4.26 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 19 ta' Frar 2020, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 26 ta' Frar 2020

(iffirmata)

Philip Vella
Sindku

(iffirmata)

Jason Curmi
Segretarju Eżekuttiv